Minuti tal-erbghin laqgha tas-Sitt Kunsill Lokali t'Ghajnsielem, li nzammet nhar it-Hamis 26 ta' Mejju, fis-2.00 ta' wara nofs in-nhar.

| | | |
|---|---|---|
| Prezenti: | Is-Sur Francis Cauchi | Sindku |
| | Is-Sur Larry Buttigieg | Kunsillier |
| | Is-Sur Peter Caruana | Kunsillier |
| | Is-Sur Joe Camilleri | Kunsillier |
| | Is-Sinjura Amanda Cauchi | Segretarju Ezekuttiv |
| Assenti: | Is-Sur Stephen Mercieca | Vici Sindku |

1. Talba – Wara li s-Sindku qal talba, ta bidu ghal-laqgha.

2. Korrezzjoni u approvazzjoni tal-Minuti

   Paragrafu 4: Is-Sur Joe Camilleri sahah li l-istess risposta nghatatlu 14 –il sena ilu, u sal-lum ghadu kollox kif kien. Camilleri qal li d-dispjacut li l-Kunsill m'ghamel xejn fiz-zmien li kien nieqes hu; 9 snin. Dan jikkonfermawh il-minuti ghax qatt ma ssemmiet f'dan iz-zmien u kien hu li rega qajjem l-Ghajn tal-Hasselin.

   Wara konsiderazzjoni tal-minuti, dawn gew approvati kif prezentati u ghalhekk iffirmati mis-Segretarju Ezekuttiv u s-Sindku.

3. Korrispondenza u kommunikazzjonijiet mis-Sindku

   - Transport Malta – 'no parking for heavy vehicles' fit-Triq il-Gudja - approvata
   - MEPA - is-Sindku qara xi *notifications* li harget il-MEPA.

4. *Trenching* tad-dranagg fit-Triq Hamri kantuniera ma Triq Sant'Antnin

   Is-sindku ta rendikont tal-problemi li nqalghu waqt li kien qed isir ix-xoghol tad-dranagg f'din it-triq, u spjega l-inkonvenjenza tar-residenti t'hemmhekk. Huwa qara l-ittra li baghat huwa lis-Sur Simon Grima, mit-Transport Malta, fejn wera' d-disappunt tieghu ta' kif imxew l-affarijiet u talab biex ix-xoghol ikun lest sal-festa ta' Sant' Antnin. Is-sindku kompla jghid li kien hemm xi zviluppi ohra, fejn jidher li hemm xi appell fuq it-tender tax-xogol. Is-sindku spjega li x-xoghol ser jinghalaq u ser jinghata bit-tarmac qabel il-festa ta' Sant Antnin skond il-kuntrattur. It-trenching fit-Triq Hamri jibda wara l-festa ta' Sant Antnin.

5. Attivita tal-bidu tal-Progett tal-Ghajn tal-Hasselin

Is-sindku spjega li suppost li l-gimgha d-diehla l-applikazzjoni tal-ghajn ghandu jitla ghal-board fejn jekk jghaddi, ghandu johrog il-permess fi zmien hmistax. Is-sindku issugerixxa li qabel ma jibda x-xoghol issir cerimonja u festin zghir biex timmemorizza l-bidu tar-rahal t'Ghajnsielem. Il-prezenti kollha qablu ma dan.

6. Ittra mill-Perit Guido Vella

Is-sindku qara l-ittra li rcieva l-kunsill ghan-nom tas-Sur Joseph Hili, li ghandu xi residenzi fit-Triq Cordina. L-ittra tispjega l-problemi tal-ilma tax-xita li jhabbat wiccu mahom is-Sur Hili, fejn ukoll fl-istess ittra, il-perit ta' pariri lil-kunsill ta' x'jista jsir biex tinstab soluzzjoni. Il-kunsill qabel li nqabdu lil-perit Scerri biex jibghat risposta lil perit Vella, u jara fejn jista' jsir xi culvert biex jilqa` l-ilma qabel ma jidhol fit-Triq Cordina.

7. Ittra min ghand l-Avukat Joseph Grech ghan nom tas-Sur Anthony Zammit – Mixed household waste tender

Is-sindku qara din l-ittra lil-presenti u ser jghaddi l-itra lil-avvukata tal-Kunsill biex thejji r-risposta.

8. Customer Care

- Isiru xi tip ta' sinjali tat-traffiku fit-Triq Guzeppi Cauchi kantuniera ma' Triq l-Ixprunara biex jghinu ghat-traffiku – il-kunsill qabel li ga hemm sinjali u ghalkemm perikuluza, ftit hemm sinjali ohra x'isir.

9. Materji ohra:

Joe Camilleri

- issugerixxa *double line* quddiem il-playing field tal-Gudja. Il-kunsill qabel ma dan.
- Staqsa meta ser tibda t-tisqija tas-sigar – is-sindku spjega li hemm spiera fil-Pjazza tad-Dehra fejn jekk issir xiri ta' pompa, u tank fejn jinzamm l-ilma, u l-haddiema ta' l-ETC jkunu jistghu jsaqqu s-sigar u l-*flowerpots* huma.
- Rampa tal-Belvedere – is-sindku ser jsir jaf kif inqatet il-kawza tal-qorti bejn id-Dipartiment tal-artijiet u s-Sid tal-Grand Hotel.
- Stand tar-roti – is-sindku ser jiehu hsieb li jehlu u ma jdumux
- Staqsa hux qaqli li jinhareg straqqija fuq il-pjazza – il-kunsill qabel li din tohrog wara l-iffirmar tal-kuntratt.

- Staqsa jekk kienx infurmat il-kunsill fuq is-sigar li thawlu taht Chambray mill-HSBC – il-kunsill ma kienx infurmat b'xejn.

Peter Caruana
- Reminder lil Ministeru ghall-Ghawdex biex issir xibka fit-Triq l-Imgarr biex tilqa l-gebel li qed jaqa min taht Chambray

Il-laqgha ntemmet fit-4.40pm. Is-Sindku sejjah laqgha ohra tal-Kunsill nhar il-Hamis, 30 ta' Gunju, fil-3.00pm.

Francis Cauchi
Sindku

Amanda Cauchi
Segretarju Ezekuttiv